**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 107 – IT-TNEJN, 23 TA’ LULJU 2018 FIS-5.45PM**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |

## 1 Approvazzjoni Minuti Numru 106

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti mtella mill-Minuti 106

2.1 Ma kienx hemm punti mtella.

## 3 Pagamenti Numru 94

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni dwar l-ittra li rċevejna mingħand is-Sinjorina Roberta Milazzo. Din kienet il-kandidata magħżula biex timla l-post vakant ta' EO mal-Kunsill. Wara li l-Kunsill għażel lilha u kkomunika magħha, hi telqet mix-xogħol tagħha biex tibda mal-Kunsill. Il-Jobsplus irrifjutaw li jirregistrawha minħabba li kellha Diplomas u mhux A levels, u DLG irrifjuta li jintervjeni. Hi issa qegħda titlob kumpens minħabba li telqet mix-xogħol tagħha u tilfet mhux

biss l-introjtu tagħha imma ser tispiċċa default fil-loan tagħha. Fl-ittra tagħha, qed titlob kumpens ta' sitt xhur paga. Wara numru ta' kunsiderazzjonijiet, is-Sindku ppropona li tiġi offruta tliet xhur paga bħala kumpens. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

4.2 Il-Kunsill ġie nfurmat bl-laqgħa li kellu s-Sindku maċ-Chairman ta' Infrastructure Malta. Hawn ġie nfurmat li ser jsiru xi xogħlijiet fi Triq tal-Balal biex titnaqqas il-problema tat-traffiku. Ġie nfurmat ukoll li bħala parti minn dawn ix-xogħlijiet, Triq Salvu Busuttil ser terġa' ddur lura bit-traffiku jmur lejn Triq R Caruana Dingli. Il-Kunsill qabel ma' dawn ix-xogħlijiet fi Triq tal-Balal u għandu jiġi ssuġġerit tidel lane bħal dik ta' Paola. Għandha tiġi wkoll kkomunikata li ma naqblux mal-qlugħ ta' sigar u li ma naqblux mat-tibdil tat-traffiku fi Triq Salvu Busuttil peress li din ser tikkawża inkonvenjent kbir għar-residenti permezz ta' aktar traffiku, storbju u tniġġiż.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata talba minn Security Services Ltd biex issir un/loading bay quddiemhom fi Triq in-Narċis. Wara li ġiet ikkunsidrata t-talba tagħhom kien hemm qbil unanimu li ma tiġix aċċettata din it-talba.

5.2 Kien hemm qbil unanimu biex il-Kunsill jiffinanzja l-high up u l-wardens għal waqt l-armar tal-festa.

5.3 Is-Sindku spjega li ltaqa' maċ-Chairman ta' Infrastructure Malta u kien hemm qbil li l-Kunsill għandu joħroġ sejħa pubblika għal Triq Mensija fejn IM jiffinanzja l-ispejjeż tat-tarmak u l-bankini u l-Kunsill il-kumplament. Kien hemm qbil unanimu.

5.4 Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon li kien hemm qbil mill-għaqdiet tal-festa, il-Kappillan u l-Pulizija għall-festa tal-2018, u dan wara medjazzjoni mill-Kunsill. Sar kuntratt bin-Nutar. Kien hemm qbil li l-ispejjeż tan-Nutar jitħallas mill-Kunsill.

5.5 Kien hemm qbil li jsiru t-tiswijiet neċessarji fil-vettura tal-Kunsill.

5.6 Kien hemm qbil li jitħallsu mill-Kunsill wardens għal traffic management waqt il-festa.

5.7 Kien hemm qbil li jiġu ffinanzjati żewġ skips għal clean up fil-15 ta' Settembru 2018.

5.8 Kien hemm qbil li jerġa' jsir ko-operazzjoni bejn il-Kunsill u l-Lidl f'attivitajiet soċjali organizzati mill-Kunsill.

5.9 Ġiet innutata l-korrispondenza li kien hemm dwar il-vacancy tal-Kunsill. Il-Kunsill avża diversi drabi lid-Direttur tal-Gvern Lokali kif ukoll lid-Direttur Ġenerali li mingħajr staff adekwat, il-Kunsill ma jistax jiffunzjona tajjeb. Id-Dipartiment għarraf lill-Kunsill li mexa skont il-liġi għall-ingaġġ ta' EO imma l-kandidati li applikaw kellhom Diplomas minflok A Levels. Il-Kunsill għandu jkompli jinsisti fuq din, u jekk id-Dipartiment u Jobsplus ikomplu jinsistu, il-Kunsill m'għandu ebda għażla oħra ħlief li jerġa' joħroġ is-sejħa.

5.10 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata kwotazzjoni ta' servizz ta' emergenza mill-GCS għal bulky refuse u terġa' tinħareġ sejħa pubblika.

5.11 Ġiet innuata li l-ittri legali li nħarġu mir-Reġjun f'isem il-Kunsill kellhom l-effett posittiv u beda jinġabar ċitazzjonijiet antiki.

5.12 Kien hemm qbil li terġa' tiġi ffinanzjata l-fire engine għal waqt il-festa kif ukoll ġie vvutat 1000 Ewro għal tiswijiet fil-kamra li ġġarbet ħsarat.

5.13 Kien hemm qbil li wara li jitlesta l-picnic area ssir applikazzjoni għal arloġġ tad-dawl u jsiru CCTV.

5.14 Kien hemm qbil li jinħareġ permess għal tabelli fil-Kappara li jindikaw il-Klarissi. Kien hemm qbil li dawn it-tabelli jiġu ffinanzjati mill-Kunsill.

5.15 Kien hemm qbil li tiġi mikrija karozza temporanjament sakemm il-vettura tal-Kunsill tkun qed tintuża mill-ħaddiema tal-lant. Kien hemm qbil li din għandha tkun għal xahar bi 15 Ewro + vat kull ġurnata.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar ippropona li tiġi mnaddfa s-sit fi Triq il-Kampanella. Kien hemm qbil unanimu.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 27 ta' Awwissu 2018 fil-5.30pm.

______________________
**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

______________________
**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**